MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 378/2005/1

**Victor Bonavia u Mary Grace Bonavia**

**vs**

**Richard Attard u Brian, Sharon, Mandy, Natasha u Richard ilkoll ahwa Attard; u b'digriet tas-17 ta' Ottubru, 2006 il-Qorti ordnat li wara l-kliem "ahwa Attard" jizdiedu l-kliem "u l-istess Richard Attard (SR) bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Tricia Attard"**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Gunju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-21 ta' Gunju, 2005 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-

konvenuti jhallsu flimkien u indivizament bejniethom jew min minnhom is-somma ta' elfejn u erba' mitt lira rapprezentanti ammont ekwivalenti li kien gie misluf lil mart il-konvenut u lil omm il-konvenuti skond il-kaz ai termini ta' skrittura privata datata 24 ta' Novembru 2003 (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 2005 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi preliminarjament, l-avviz de quo huwa null stante li m'hemmx indikat f'liema Qorti gie pprezentat, cioe' jekk huwiex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Illi preliminarjament ukoll il-gudizzju m'huwiex integru ghaliex il-kawza ma gietx intavolata kontra l-eredi kollha tad-decuius Patricia Attard.

Illi bla pregudizzju u fil-meritu t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fejn dawn huma diretti kontra l-konvenut Richard Attard cioe' r-ragel tal-mejta Patricia Attard, u dan stante illi s-self allegatament moghti lilha mill-atturi sar minghajr il-kunsens ta' l-istess konvenut u kwindi m'huwiex dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Id-decuius ma kienet tamministra l-ebda negozju kif allegat fl-iskrittura esebita mill-atturi u kwindi kien mehtieg il-kunsens tar-ragel taghha.

Illi bla pregudizzju wkoll u fil-meritu l-ammont pretiz mhux dovut.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Permezz tal-verbal tas-17 ta' Ottubru 2006 (fol 14) il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom. Wara talba ta' l-atturi l-Qorti ordnat zieda fl-okkju tal-konvenuti fis-sens illi Richard Attard deher ukoll fil-kwalita' tieghu bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Tricia Attard biex b'hekk il-gudizzju gie ntegru.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi Patricia Attard mart Richard u omm il-konvenuti l-ohra kienet dahlet fi ftehim ta' self ma' l-attur Victor Bonavia permezz ta' skrittura ta' l-24 ta' Novembru tas-sena 2003 li gie redatt min Nutar Miriam Spiteri Debono. Permezz ta' dan l-att giet mislufa s-somma ta' elfejn lira lil Patricia Attard bil-modalita' tal-hlas kif indikat. Xi xahar wara, f'Dicembru regghu ltaqghu l-attur u Patricia Attard u marru ghand l-istess nutar fejn ghamlet addenda fuq l-iskrittura fejn gie dikjarat illi l-attur Victor Bonavia qieghed jislef erba' mitt lira ohra lil Patricia Attard, biex b'hekk l-ammont kollu misluf lahaq is-somma ta' elfejn u erba' mitt lira. Mhuwiex qed jigi kontestat l-awtenticita' ta' l-att u lanqas milli jidher il-fatt illi sselfu dawk il-flus. Il-konvenuti pero' qieghdin ighidu li dak is-self ma kienx gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konvenut Richard Attard u martu Patricia Attard. Din ta' l-ahhar mietet fi Frar tal-2004 u peress illi l-konvenut Richard Attard stqarr li ma kien jaf xejn b'dan id-dejn  deherlu li ma kellux ikun responsabbli ghalih lanqas fil-kwota' tieghu tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-konjugi Attard kienu jiggestixxu negozju tal-*minibuses* u sahansitra Patricia Attard kellha f'isimha zewg *minibuses* bl-

istess registrazzjoni HMY 234. Wiehed minnhom bix-*chassis* DO5SK56594 li gie skrappjat fis-26 ta' Jannar 2004 u fl-istess gurnata x-*chassis number* WF0EXXGBFE1876435 gie moghti l-istess numru HMY 234. Din il-vettura kienet debitament registrata mal-ko-operattiva tal-*minibuses* li kien jassenjalha x-xoghol. Kienu johorgu c-cekkijiet li kienu ndirizzati lil Patricia Attard.

Skond Joseph Barbuto, *General Manager* tal-ko-operattiva tal-*minibuses* (fol 66) *"tul il-perjodu kollu kienu johorgu cekkijiet regolarment dejjem fuq isimha (cioe' Patricia Attard) personalment."* Spjega li x-xoghol kien indipendenti mill-van u wara l-mewt ta' Patricia Attard ix-xoghol gie assenjat lil zewgha b'wirt.

In-Nutar Miriam Spiteri Debono spjegat (fol 21) li kienet hi li rredigiet l-iskrittura a fol 2 u l-addenda maghha. Patricia Attard giet wahedha u meta n-Nutar staqsietha ghal prezenza tar-ragel, Attard qaltilha li kien xoghol tan-negozju peress li kienet fil-kummerc u ma kellhiex ghalfejn il-prezenza ta' zewgha. Peress li n-Nutar kienet tafha personalment u taf li kienet tiggestixxi negozju minn garage Santa Venera, allura qablet maghha f'din il-konkluzzjoni li ma kienx hemm ghalfejn il-prezenza ta' zewgha Richard. Fil-fatt kompliet tghid *"....kont naf illi Patricia Attard qieghda fil-kummerc u ma kienetx xi extraordinary expenditure illi setghet taffetwa xi proprjeta'."* U ghalhekk kienet ukoll waslet ghal konkluzzjoni li l-prezenza ta' zewgha Richard ma kienx necessarju ghal fini ta' dan is-self.

L-attur a fol 23 spjega illi meta Patricia Attard kienet talbitu ghal flus qalet li riedet taghmel hekk biex tixtri minivan sabiex tkompli bin-negozju taghha u kien ghalhekk li ftiehmu li jmorru ghand in-Nutar Miriam Spiteri Debono biex tigi redatta skrittura. Sar hekk u meta l-attur staqsa ghall-prezenza tar-ragel ta' Patricia Attard, in-Nutar

qalet li ma kienx hemm ghalfejn ghax Attard kienet fin-negozju u ghalhekk l-attur qaghad fuq il-kelma taghha.

Il-konvenut a fol 27 filwaqt illi qal li ma jaf xejn fuq dan id-dejn ikkonferma li huwa ghandu negozju ta' *minibuses* fuq ismu personalment, kif ukoll bil-permessi. Qal illi l-mara ma ghandha xejn izda kienet impjegata bhala *driver* mieghu b'sittin lira fil-gimgha. Ikkonferma li n-negozju jigi gestit minn garage bl-isem ta' *"Pat's Garage"* u gieli hargu cekkijiet b'dan l-isem, pero' kien isarrafhom hu.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi Patricia Attard kienet fin-negozju tal-*minibuses*. Kienet tiggestixxi dan in-negozju sal-mewt taghha fi Frar tal-2004. Kellha wkoll garage msemmi ghaliha u kienet tircievi l-pagamenti minghand il-ko-operattiva tal-*minibuses* ghas-servizzi li kienet taghmel. Veru wkoll illi zewgha l-konvenut Richard kien ukoll fl-istess negozju, kienu diretturi fl-istess kumpanija u gieli rcieva lmenti minghand il-ko-operattiva dwar xi kwistjonijiet li setghu nqalghu fl-amministrazzjoni ordinarja tax-xoghol. Din is-sitwazzjoni ma tbiddilx il-vera natura tal-professjoni ta' Patricia Attard li kienet negozjanta regolari, tiggestixxi negozju tal-*minibuses*, kemm f'isimha kif ukoll f'isem kumpanija illi taghha kienet direttur. Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni li waslet ghaliha n-Nutar Miriam Spiteri Debono illi ghall-iffirmar ta' l-iskrittura ta' l-24 ta' Novembru 2003 ma kienx necessarju illi l-konvenut Richard Attard ikun prezenti peress illi dak kien att ordinarju ta' kummerc biex Attard tkompli tinvesti fin-negozju taghha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-konkluzzjoni hija konformi ma’ l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet Angela Demarco vs David Demarco et deciza fid-9 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim Awla fejn ghamlet referenza ghall-artikolu fuq imsemmi u qalet illi *“l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarju jista’ jsir minn konsorti wiehed u jkun validu jekk dak l-att ikun att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun agixxa minghajr il-permess tal-parti l-ohra. Il-Qorti kienet tal-fehma li komprizi fit-terminologija ta’ att normali ta’ gestjoni ta’ negozju wiehed ghandu jinkludi mhux biss l-atti gurnaljieri tal-kummerc izda wkoll dawk l-attivitajiet li ghalkemm ma jsirux fuq bazi regolari, huma pero’ normali fil-kummerc u fin-negozju.”* Il-Qorti hi tal-fehma li self ta’ elfejn u erba’ mitt lira mhijiex xi haga kbira u huwa normali fil-kummerc li jsir self bhala nvestiment f’xi intrapriza li tista’ tirrendi aktar qliegh. Dak huwa proprju li riedet taghmel Patricia Attard. Skond l-attur dina qaltlu li l-flus ridiethom biex tixtri minivan ghal fini ta’ negozju. Naturalment l-attur mhuwiex fi grad li jghid x’verament sar minn flusu. Dana l-ghaliex Patricia Attard mietet ftit xhur wara li gie redatt is-self fuq imsemmi u cioe’ fi Frar ta’ l-2004. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi l-att inkwistjoni huwa regolat bl-Artikolu 1324 tal-Kap 16.

F’dan l-istadju l-Qorti issa trid tistharreg il-kwistjoni jekk dak l-att kienx obbligu tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti jew le. Hawnhekk il-Qorti ghandha l-konfort ta’ decizzjoni moghtija mill-Qorti Civili fid-9 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et et fejn fost affarijiet ohra l-Qorti kienet qalet *“kieku att straordinarju li huwa att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc ma jorbotx il-kommunjoni ta’ l-akkwisti ma jkunx hemm lok tar-regola ntrodotta bl-artikolu 1324 ghax bhala att straordinarju ezercitat mill-konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-kommunjoni ta’ l-akkwisti fih innifsu. L-*

*iskop ta' l-Artikolu 1324 huwa intiz biex fil-konfront ta' terz il-kommunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorte wiehed biss, basta li jkun att normali ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz allura ma jkollux ghalfejn kull darba li jinnegozja ma' konsorti, jitlob li dan ta' l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu ghax jaf li bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert."*

Minn dan jirrizulta kwindi li l-obbligazzjoni inkwistjoni hi allura mhux biss obbligazzjoni valida li holqot Patricia Attard ai termini tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili, izda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-kommunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Attard. Dan ir-regim ta' kommunjoni gie terminat bil-mewt ta' Patricia Attard fi Frar 2004 u quindi l-konvenut Richard Attard ghandu jbaghti nofs l-obbligazzjoni naxxenti permezz l-iskrittura ta' l-24 ta' Novembru 2003, bin-nofs l-iehor gravanti l-eredi ta' Patricia Attard u cioe' uliedha Brian, Sharon, Mandy, Natasha u Richard u l-istess Richard Attard (SN) bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Tricia Attard.

Ghal dawn il-motivi,
Taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lil Richard Attard wahdu li jhallas is-somma ta' €2795.25 (Lm1200) u lill-konvenuti l-ohra Brian, Sharon, Mandy, Natasha u Richard u l-istess Richard Attard (SN) bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Tricia Attard is-somma ta' €2795.25 (Lm1200) rapprezentanti ammont misluf lil Patricia Attard mart Richard u omm il-konvenuti l-ohra ai termini ta' skrittura privata datata 24 ta' Novembru 2003. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.**"**

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti biex jitolbu t-thassir taghha b'dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u tal-ligi u l-konkluzjoni taghha hi wahda errata;

(2) Ankorke r-ragonament tal-Qorti kien wiehed fondat, xorta wahda ma setghetx, imbaghad, tikkonkludi illi d-dejn ikkontrattat kien piz fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Il-fatti ewlenin tal-kawza kif johorgu mill-atti tal-process huma s-segwenti:-

(1) Bi skrittura ta' self ta' l-24 ta' Novembru, 2003 (fol. 2) dwar liema saret addenda fl-4 ta' Dicembru, 2003, Patricia Attard, mart il-konvenut Richard Attard u omm il-konvenuti l-ohra, issellfet minghand l-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn u erba' mitt lira (Lm2400). Jinghad fl-istess skrittura illi l-ammont tas-self kien intiz ghall-uzu tat-tkabbir tan-negozju ta' trasport bil-minivans gestit mill-mutwatarja;

(2) Sew il-mutwanti kif ukoll il-mutwatarja kienu fil-kummerc (ara xhieda ta' l-attur a fol. 23) u dan il-fatt kien maghruf min-Nutar Miriam Spiteri Debono li rredigiet l-iskrittura. (Ara xhieda taghha a fol. 21). Kien ukoll ghal din ir-raguni li ma nsistietx ghall-intervent ta' zewg il-mutwatarja fuq l-iskrittura;

(3) Jirrizulta illi Patricia Attard kellha registrati f'isimha zewg *minibuses* u kienet direttur tal-kumpanija "Pat Garage Ltd". Kienet ukoll membru tal-Ko-operativa tal-Minibuses, u l-hlasijiet permezz ta' *cheques* kienu jkunu intestati lilha. Ara deposizzjoni ta' Christopher Darmanin, General Manager tal-Ko-operativa msemmija a fol. 66;

(4) Skond il-konvenut Richard Attard (fol. 27), huwa kien injar mis-self li sar lil martu premorta u zied jiddikjara illi martu kellha problemi ta' loghob (lottu u tombla) u kienet inkorriet fi djun. Huwa jghid ukoll illi martu ma kellha xejn minn negozju tal-*minibuses* izda kienet semplicement xufier bil-paga;

Hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili skond l-Artikolu 3 tieghu illi “l-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja ...” Tinsorgi hawn id-domanda jekk din il-proposizzjoni tal-ligi ghandhiex biss rilevanza interna bejn il-koppja fiz-zwieg jew iggorx maghha, esternament, u di fronte ghat-terzi, responsabilita` solidali ta’ dak fost il-konjugi li ma jkunx ukoll kontraenti;

Mid-disposizzjonijiet relattivi taht l-istitut tal-“Komunjoni ta’ l-Akkwisti” (Sub-Titolu III tat-Titolu V tal-Kodici Civili) jidher li l-kwestjoni hi, sintetikament, dixxiplinata f’dawn it-termini. Ibda biex, “hemm atti li jirrikjedu l-intervent taz-zewg konjugi [Artikolu 1322 (2)] u hemm ukoll atti li wiehed mill-konjugi jista’ jgib fis-sehh ‘*uti singuli’* [Artikolu 1324 jew Artikolu 1327 (c)]”. (“**J & E Griscti Limited -vs- Jesmond Sant *et***”, Appell mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 10 ta’ Jannar, 2007). Meta jigu kontrattati debiti li ghandhom il-fonti taghhom f’rapport rikonducibbli ghall-interessi komuni tal-konjugi, anke jekk talvolta jsiru bl-inizzjattiva ta’ xi hadd fosthom, ghal dawk id-debiti jirrispondu l-beni tal-komunjoni. Hekk kompla jinghad minn din il-Qorti fid-decizjoni precitata illi: “f’dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa legittimat li jissodisfa l-kreditu tieghu fuq il-beni tal-komunjoni. Dan ghar-raguni illi dawk l-atti jincidu fuq ic-cespiti li jifformaw parti mill-patrimonju tal-komunjoni.” Fiha, imbaghad, issokta jizdied ukoll illi, “naturalment, u skond il-ligi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi *in subordine* idur fuq il-beni personali ta’ dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u ndahal ghar-responsabilita` kontrattwali diretta. Jigi allura illi r-ragel jirrispondi ghad-dejn *de quo* mhux biss bis-sehem tieghu mill-komunjoni imma anke bil-beni tieghu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta’ sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Dan hu bil-wisq car mill-kontenut tan-norma fl-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili.”;

Issa mill-fatti premessi fil-kaz prezenti din il-Qorti hi, bhall-ewwel Qorti, sodisfatta illi l-kontrattazzjoni tas-self li ghamlet mart l-appellanti Richard Attard ma ghandhiex l-origini taghha f'rapport riferibbli ghal xi interess partikolari taghha eskluzivament. Kif lanqas ma hi konvinta illi l-flejjes issellfu minn Patricia Attard biex jaghmlu tajjeb ghal-loghob jew djun konnessi mieghu. Mhux biss ma ngiebetx prova korroborattiva konkreta dwar din l-allegazzjoni ta' l-appellanti, jew dik l-ohra tieghu li martu ma kienetx midhla tan-negozju, talli l-provi, fil-kumpless, jimmanifestaw qaghda dimostrattiva illi l-istess Patricia Attard kienet sew involuta f'dak l-istess negozju, u dan kien maghruf ukoll mix-xhieda terzi li ddeponew. Jista' jizdied, imbaghad, illi lanqas ma tressqet prova perswasiva illi dak l-att negozjali tas-self, maghmul mill-mara kien wiehed eccedenti l-atti permissibbli skond l-Artikolu 1324 ghal min mill-konjugi jkun fil-"kummerc, negozju jew professjoni";

Jinzel b'ragonament minn dan kollu konsidrat illi la d-debitu kkontrattat kien wiehed konness man-negozju u fl-interess ta' l-istess negozju, li fih Patricia Attard kienet ukoll kompartecipi, tali kien jaggrava b'piz fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti. Kien ikun differenti l-kaz kieku l-provi wrew b'mod konvincenti u konkludenti li dak is-self kien wiehed personali ghall-istess Patricia Attard, ghax allura, kif ritenut, "bl-ebda mod ma seta' jinghad illi kien jifforma parti mill-passiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha" ("**Joseph Grech -vs- Mary u Martin Debattista**", Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2000. Fil-fattispeci, l-awtonomija kontrattwali li kellha l-mara fit-termini ta' l-Artikolu 1324 Kodici Civili, kienet iggib guridikament u fl-ewwel lok l-kontribuzzjoni korrispondenti tal-beni komuni ghas-sodisfaciment tar-restituzzjoni tas-self. L-ewwel Qorti sewwa rragunat. Ghaldaqsant, il-konkluzjoni taghha ma tiddifettax, la fuq il-bazi tal-provi u lanqas fuq dik tal-principji tad-dritt applikabbli.

Ghal dawn il-motivi kollha u dawk l-ohra ta’ l-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------